MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 357/2012

**Elia Borg Bonaci Ltd C4703**
**Vs**
**Richard Attard u Adeline Attard**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex m'ghandhomx jkunu kkundannati li jhallsu lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef, u sitt ewro, sitta u sittin centezmu (€8006.66), flus ta' ikel u servizzi ta' catering, lilhom mibjugha u rezi f'okkazzjoni ta' tieg, kif jirrizulta mid-Dok EB1 u EB2. Bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti msemmija a fol 2 u fol 3 tal-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi, kif jidher mill-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru, 2012, il-konvenuti gew notifikati bir-rikors promotur izda la dehru quddiem il-Qorti la ppresentaw xi forma ta' risposta, liema sitwazzjoni baqghet hekk sallum.

Illi, da parti tas-socjeta' attrici, din:

a) permezz ta' nota presentata llum stess "seduta stante" mis-socjeta' attrici, l-ammont mitlub gie ridott bis-somma ta' seba' mitt ewro (€700) stante l-hlas fil-mori ta' din il-kawza u ghalhekk l-istess ammont mitlub gie ridott ghal sebat elef, tlett mija u sitt ewro, sitta u sittin centezmu (€7,306.66).

b) Gaetano Borg Bonaci, waqt l-istess seduta, kkonferma, taht gurament li l-ammont, hekk ridott, hu dovut sallum.

Illi, ghalhekk, it-talba attrici kif ridotta ghandha, tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba attrici, kif ridotta, u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef, tlett mija u sitt ewro, sitta u sittin centezmu (€7,306.66) bl-imghax legali mit-23 t'Ottubru, 2012 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------